# Opri artistiċi fil-parroċċa ta' Birkirkara

Minn Tony Terribile

Waħda mill-aqwa knejjes ta' Malta hi bla dubju ta' xejn il-knisja kolleġġjata ta' Birkirkara ddedikata lil Sant'Elena li l-festa tagħha tiġi ċċelebrata kull sena, fl-eqreb Ħadd fuq it-tmintax t'Awissu.

Birkirkara hi waħda mill-eqdem parroċċi ta' Malta, kemm hu hekk fl-1402, dan ir-raħal kien diġà magħdud bħala parroċċa iżda l-knisja parrokkjali kienet il-knisja l-qadima ta' Santa Marija, li għadha magħrufa sa llum bħala monument tal-arkitettura lokali. Il-knisja kolleġġjata ta' llum bdiet tinbena fis-27 t'April 1727 meta l-Isqof ta' Malta, Monsinjur Gori Mancini, poġġa l-ewwel ġebla tagħha fil-post magħruf bħala 'Ta' Xennu'. F'dawn in-naħat kienet mibnija knisja żgħira ddedikata lil Marija Annunzjata li kellha tiġi maħtuta biex timbena l-knisja ta' Sant'Elena.

B'tifkira, l-ewwel kappella fuq il-lemin, hi ddedikata lil Marija Annunzjata, bl-istess kwadru li kien hemm fil-kappella 'Ta' Xenni'. Mal-mixja tas-snin din il-knisja, barra li ġiet mibnija, ġiet ukoll mgħammra b'bosta opri artistiċi li sa llum għadhom jitgawdew min-nies li jżuru din il-kolleġġjata l-aktar fil-jiem tal-festa.

L-ewwel opra li tiġbed l-attenzjoni f'din il-knisja hija l-pittura tas-saqaf tal-korsija, tal-kappelluni, tal-kor u tal-koppla. Din il-pittura hi opra ta' Virginio Monti magħmula bejn l-1902 u l-1910. Dan il-pittur twieled Ruma fl-1852 u miet fl-1940 u l-pittura ta' Birkirkara hi meqjusa bħala l-kapolavur tiegħu.

Din il-pittura kollha swiet ħamest elef u tlieta u għoxrin lira, ċifra għolja għal dawk iż-żminijiet, iżda l-Karkariżi kienu determinati li jagħmlu opra kbira, u rnexxielhom. Is-suġġetti tal-pittura huma bbażati fuq il-ġrajjiet tas-Salib Imqaddes miktuba mit-Teologu Monsinjur Salvo di Pietro minn Palermo u għalhekk f'dan is-saqaf naraw impittra ġrajja tabilħaqq interessanti. Fil-koppla Monti pitter il-Ġudizzju Universali filwaqt li fil-lunetti pitter l-erba' evanġelisti.

Il-pittura ta' l-ewwel kwadru tas-saqaf tal-korsija tirrappreżenta d-dehra tas-Salib Imqaddes lil Kostantino qabel it-taqbida tiegħu kontra Massenzju, l-Imperatur ta'



Ruma. Fit-tieni kwadru naraw it-taqbida ta' l-Imperatur Kostantino tħarbat il-kavallerija ta' Massenzju f'bosta inħawi sakemm Kostantino kaxkarhom u għarraqhom fl-ilma tax-xmara Tevere. It-tielet pittura teħodna fir-Rebbiegħa tas-sena 313 meta Kostantino (iben Sant'Elena) tela Milan biex jagħti l-bintu Kostanza b'għarusa lil Liċinju, bniedem pagan. F'moħħu, Kostantino kellu l-ħsieb ispirat minn ommu Elena, li jippublika editt biex il-Knisja ta' Kristu u s-Salib ikunu imgħarrfa uffiċjalment fl-Imperu Ruman. B'hekk ġie ppublikat dan l-editt, magħruf bħala 'Ta' Milan' li bih iċ-ċittadini, bil-libertà kollha setgħu jipprattikaw ir-reliġjon li jemmnu fiha u l-insara ġew mogħtija lura l-proprjetà li tteħditilhom waqt il-persekuzzjoni. Fil-kwadru tas-saqaf tal-kappellun naraw il-ġrajja tal-għarfien tas-Salib ta' Kristu. Sant'Elena ta' età kbira, fis-sena 326 telqet lejn Ġerusalemm, fejn laqgħuha l-Isqof San Makarju u n-nies tal-post. Instabu tliet slaleb. Sar talb lil Alla biex jingħaraf liema kien is-salib ta' Kristu u wara inġiebet mara marida fuq sodda li din malli misset mas-salib fieqet u qamet.

Fl-apside tal-kappellun tal-Kurċifiss naraw impittra s-serqa tal-Għuda tas-Salib. Wara li Foka qatel lill-Imperatur Mawrizju u l-familja tiegħu, dan beda jħarbat kollox. Eraklju, prefett ta' l-Afrika mġuegħel mis-Senaturi telaq lejn Kostantinopli biex iwarrab lil Foka u qatlu. Kosroa min-naħa l-oħra, ħarbat postijiet fosthom Ġerusalemm u qered il-bażilika tas-Sepulkru Imqaddes u r-relikwji li ħalliet Sant'Elena ġew maħtufa u meħuda. Iża l-Imperatur Eraklju sabu u tah il-qima.

Il-kwadru tal-kappellun l-ieħor jirrappreżenta l-mewt ta' Sant'Elena fil-preżenza ta' binha Kostantino u wliedu li assistewha sa l-aħħar. Fl-apside tal-kappellun l-ieħor il-pittur Monti pitter il-ġrajja ta' meta l-Għuda tas-Salib Imqaddes ġiet mogħtija lura u mqegħda f'postha. Wara l-ħelsien tal-Persja fis-sena 629 l-



Imperatur Eraklju ġarr dan is-salib fuq spallejh fuq il-Kalvarju u għalhekk f'din il-pittura naraw il-patrijarka Zakkarija ma' Eraklju mneżża mill-ħwejjeġ irjali tiegħu, ħafi u bil-kuruna tax-xewk f'rasu.

Fil-kor il-pittur Monti pitter lil Sant'Elena tagħti qima lis-Santissima Trinità u lill-Madonna. Fl-apside ta' fuq il-bieb maġġur Monti pitter l-edukazzjoni ta' Sant'Elena lil binha Kostantinu u lil Sant'Elena mnebbħa mis-Sema biex issib l-Għuda tas-Salib ta' Ġesù Kristu. Fin-nofs jidher anġlu. Għalkemm jidher li hu skultura, dan hu mpitter u Monti irregalah lil din il-knisja bla ebda ħlas.

Barra din il-pittura kollha fis-saqaf fil-kolleġġjata ta' Birkirkara niltaqgħu ma' bosta affarijiet oħra artistiċi bħal mhi pittura, skultura, arġenterija u ħwejjeġ oħra.

Il-pittur magħruf Malti Francesco Zahra huwa rappreżentat tajjeb ħafna f'din il-knisja. Fl-1736 hu pitter il-kwadru titulari ta' Sant'Elena u l-erba' kwadri l-oħra li jinsabu fil-kor u li jirrappreżentaw il-miraklu tal-mejjet fuq is-salib, il-Konċilju ta' Nicea, lil San Ġwann il-Battista u l-Glorja ta' San Pawl. Fil-kappelluni tar-Rużarju u tal-Kurċifiss insibu tmien xogħlijiet ta' Zahra. Dawn huma ż-żewġ kwadri l-kbar tal-Madonna tar-Rużarju u tal-Madonna u San Ġwann taħt is-Salib ta' Kristu, flimkien mal-kwadri laterali ta' San Gejtanu, San Andrea Corsini, il-preżentazzjoni tal-Madonna u ż-żwieġ tagħha. Fuq il-kwadri l-kbar naraw żewġ kwadri oħra tal-Missier Etern u grupp ta' anġli jġorru l-girlandi tal-fjuri. Dawn ukoll huma xogħol ta' Zahra. Kwadru mill-isbaħ ta' l-istess pittur hu dak li jinsab fil-kappella tas-Sagrament li fih naraw l-aħħar ikla ta' Sidna Ġesù Kristu. Attribwiti lill-istess Zahra huma l-kwadri tal-Via Sagra, San Mikiel li jinsab fuq l-altar ta' Sant'Andrija u l-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu.

Tal-pittur Malti Rokku Buhagiar huwa l-kwadru ta' Marija Assunta li nsibu fuq il-kwadru titulari u tal-Madonna taċ-Ċintura li jingħad li kien fil-knisja l-qadima. Il-kwadru ta' Sant'Andrija jingħad ukoll li kien fil-knisja l-qadima u hu xogħol ta' tmiem is-seklu sittax. Il-kwadru fih waqtiet li jfakkruk fi Preti, għalkemm mhux xogħol tiegħu. Mhux magħruf minn pitter il-kwadru ta' Marija Addolorata, għalkemm xi kritiċi tal-arti jressquh lejn il-pitturi Sqallin Vincenzo u Antonio Manno. Ġużeppi Calì pitter il-kwadru ta' San Ġużepp fl-1912 filwaqt li l-apside prinċipali, li tirrappreżenta lil Sant'Elena tqim is-salib hi wkoll xogħol tiegħu. Fil-koppletti ta' taħt in-navi naraw pittura magħmula minn Ġużeppi Briffa, Filippo Venuti u Ġanni Vella. Fis-sagristija nsibu xogħol il-pittur Malti Willie Apap u fih naraw lill-Prepostu Monsinjur Emmanuel Vella u ħdejn wieħed mill-bibien laterali naraw il-kwadru tal-Qalb ta' Marija impitter minn Salvu Micallef fl-1882.

Dik kienet dawra max-xogħlijiet tal-pittura f'din il-knisja. S'intendi il-Bażilka hija miżgħuda b'opri artistiċi oħra mhix pittura, iżda dwar dan nitkellmu fil-programm tas-sena d-dieħla.

Tony Terribile



# Tislima lil Anthony Borg

F'din il-festa ta' min jiftakar fis-Sur Anthony Borg li ħalla ħajtu jaħdem in-nar għall-festa u f'oħrajn li missithom l-istess xorti fil-passat. Nitolbu 'l Alla jagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem. Nitolbu l-għajnuna t'Alla għall-bżonnijiet tas-Sur Joe Borg li kien weġġa' fl-armar tal-festa tal-parroċċa tas-sena li għaddiet.